# FUNDamentali

## *Bulletin*

*Awwissu 2016*

Dawn l-aħħar xhur kienu ddominati mit-tħejjija għal u mill-konsegwenzi tar-referendum dwar l-UE li sar fir-Renju Unit. Id-deċiżjoni tal-Brexit jidher li ftit jew wisq kellha effett lokalizzat, bid-diffikultajiet għall-attività tar-Renju Unit li setgħu jiġu ttrattati issa jnaqqsu l-pass tagħhom imma ma fixklux l-irkupru ekonomiku Ewropew. Madankollu, it-tnaqqis fil-kunfidenza globali wara l-Brexit li xi wħud kienu qed jibżgħu minnu, sa issa naqas milli jsir realtà. Fil-fatt l-assi riskjużi marru tajjeb matul il-ġimgħat li għaddew, bl-S&P 500 US Index jitla' fl-ogħla livelli li qatt kien fihom. Iż-żieda kontinwa fl-indikaturi ekonomiċi ewlenin aktarx li hija l-fattur dominanti hawnhekk.

Fiċ-Ċina jidher li qed idur ċiklu ieħor fis-suq tal-proprjetà u l-investiment mis-settur privat baqa' wieħed dgħajjef, madankollu ħafna mill-analisti jħossu li t-tnaqqis fir-ritmu fiċ-Ċina aktarx li għalissa se jibqa' wieħed ordnat.

B'mod aktar ġenerali, l-ekonomija dinjija aktarx li se tkompli tikber b'ritmu mhux daqstant kalm, li jfisser li t-tmiem taċ-ċiklu tas-suq tal-ishma huwa relattivament imbiegħed.

Fil-paġni li jmiss, Sonja Uys, *Portfolio Manager* ma' Insight Investments, se tipprovdi għarfien aħjar tal-Fondi *Absolute Return*, kunċett mifrux mad-dinja kollha li huwa disponibbli bil-firxa ta' prodotti ta' investiment tagħna permezz tal-*Vilhena Broad Opportunities Fund*. Is-Sinjura Uys se tagħti ħarsa lejn ħames mistoqsijiet li inti għandek bżonn tagħmel qabel tikkunsidra soluzzjoni ta' investiment *absolute return*, li jiena ċert li se jagħtuk għarfien aħjar dwar stil innovattiv tat-tħaddim tal-investimenti.

Matul dawn l-aħħar tliet xhur, il-Valletta Fund Management introduċiet *platform* ġdida *online* ta' *fact sheets*, li issa huma disponibbli fuq il-websajt tagħna www.vfm.com.mt. Dan l-aġġornament ġdid jippermettilek tara d-dejta dwar l-andament tal-fondi fuq bażi ta' kuljum. Aħna ħadna sehem ukoll fis-Seminar dwar l-investimenti ta' kull tliet xhur organizzat mill-Bank of Valletta għall-impjegati tiegħu. Il-Valletta Fund Management ilha torganizza dawn is-seminars ta' ġurnata sa mill-1996, sabiex iżżomm lir-rappreżentanti awtorizzati tal-VFM, aġġornati u mgħarrfa dwar dak li qed jiġri fid-dinja volatili dejjem tinbidel tal-investimenti.

Din is-sena qed jitfakkar ukoll l-20 sena anniversarju mill-introduzzjoni tal-ewwel Fond Malti ffukat fuq l-ishma u l-bonds. Il-*Vilhena Maltese Opportunities Fund*, li qabel kien magħruf bħala l-*La Valette Malta Fund*,



tnieda uffiċjalment fis-6 ta' Ġunju 1996. Jiena ċert li xi ftit mill-ewwel azzjonisti fil-Fond huma ferm kuntenti bl-andament tal-investiment matul dawn l-aħħar 20 sena, għaliex renda ritorn annwalizzat ta' 8.01%*. Matul ix-xahar ta' Lulju, il-Valletta Fund Management qabżet iċ-ċifra ta' € 800 miljun f'assi mħaddma minnha.

Bħal dejjem, nittamaw li tieħdu gost taqraw din l-edizzjoni ta' 'FUNDamentali' u nilqgħu kwalunkwe *feedback* dwar il-kontenut.

Dejjem tagħkom,

Mark Agius
Kap Eżekuttiv
Valletta Fund Management

# NIFHMU AKTAR
# x'inhuma l-Fondi *Absolute Return*

Hemm ħames mistoqsijiet ewlenin li wieħed għandu jagħmel. Jekk ikollok it-tweġibiet għalihom, ikollok bażi soda meta tiġi biex tiġġudika l-approċċ tagħhom – u s-suċċess jew il-falliment tagħhom.

## Kif tiddefinixxi *absolute return*?

Il-maniġers ta' *absolute return* tipikament jimmiraw għal ritorn pożittiv "fil-kundizzjonijiet kollha tas-suq", imma l-perjodu ta' żmien fil-mira tagħhom se jvarja. Pereżempju, xi fondi jimmiraw lejn ritorn pożittiv fuq 12-il xahar, filwaqt li oħrajn jimmiraw għal ritorn pożittiv fuq tlieta sa ħames snin. Aktar ma jkun twil il-perjodu ta' żmien, ogħla jkun l-aptit għar-riskju tal-fond *absolute return*.

## X'inhuma l-karatteristiċi tar-ritorn li qed tipprova tikseb?

- Huwa importanti li tifhem l-attitudni tal-maniġers lejn il-volatilità, il-preservazzjoni tal-kapital, u l-korrelazzjoni mas-suq. Huma jistgħu jemmnu li volatilità ogħla jew telf ta' kapital fuq perjodu qasir huma aċċettabbli sabiex tinkiseb il-mira tar-ritorn assolut fuq medda itwal ta' żmien.
- L-attitudni tal-maniġer lejn il-korrelazzjonijiet hija importanti wkoll. Xi wħud jistgħu jenfasizzaw nuqqas ta' korrelazzjonijiet globali, filwaqt li oħrajn jistgħu jimmiraw li jbiddlu b'mod dinamiku l-korrelazzjonijiet mas-swieq.

## Kif jinkisbu dawn ir-ritorn?

It-tweġiba tal-maniġer għal din il-mistoqsija tista' tindika jekk hux qed jenfasizzaw ritorn bbażat fuq il-ħila tal-maniġer *(alfa)* jew ritorn li ġej mis-swieq *(beta)*. Fil-qasam tar-ritorn assolut spiss nitkellmu dwar "beta dinamika", li hija deċiżjoni attiva *(alfa)* li l-maniġer irid jieħu pożizzjoni dwar is-suq. Il-maniġers ikomplu joħolqu distinzjoni bejniethom skont kif jiġġeneraw ir-ritorn li ġej mill-*alfa* jew mill-*beta*.

## X'flessibbiltà għandek, u sa liema punt użajt din il-flessibbiltà?

Il-ġenerazzjoni ta' *absolute return* permezz ta' kundizzjonijiet differenti tas-suq normalment teħtieġ flessibbiltà min-naħa tal-fond, imma huwa daqstant importanti li nifhmu l-livell sa fejn il-maniġer tal-fond huwa lest li juża l-libertajiet imsemmija fil-prospett tal-fond. Żewġ fondi differenti jista' jkollhom il-libertà li jqiegħdu 100% fi flus, imma ħarsa storika lejn il-pożizzjonijiet tal-likwidità tal-fondi tista' tiżvela li wieħed għamel użu ferm ikbar minn din il-flessibbiltà mill-ieħor.

## Kif tistenna li tkun l-andament fi swieq differenti?

L-ebda maniġer tal-fondi ma jista' jiggarantixxi r-ritorn fil-futur, imma din il-mistoqsija tista' toffri għarfien dwar il-portafoll tagħhom. Jekk l-ishma globali jitilgħu fil-valur bi 30%, il-maniġer tal-fond huwa mistenni li jipparteċipa f'dik iż-żieda, jew ir-ritorn tal-fond tagħhom jibqa kompletament indipendenti mis-suq? Jekk is-swieq jaqgħu, il-maniġer tal-fond x'jistenna li jiġri?

## Glossarju

**Alfa:** Ir-ritorn addizzjonali ġġenerat mill-ħila tal-maniġer meta mqabbel maċ-ċaqliq ġenerali tas-swieq. L-alfa storika tkejjel ir-ritorn miksub permezz tal-immaniġġjar attiv matul iż-żmien.

**Beta:** Kejl statistiku tas-sensittività ta' titolu jew portafoll għaċ-ċaqliq fis-suq rilevanti.

**Riskju:** Il-possibbiltà li rizultat partikolari jista' ma jseħħx. F'termini ta' investiment, ir-riskju jintuża biex jiddefinixxi l-inċertezza kollha relatata mal-assi, inkluż il-possibbiltajiet ta' qligħ kif ukoll ta' telf. (Id-definizzjoni popolari ta' riskju hija l-possibbiltà ta' telf biss). Ir-riskju fir-ritorn tal-investiment spiss jitkejjel permezz tal-varjanza fir-ritorn storiku.

**Volatilità:** Kejl tar-riskju li jinkludi l-varjazzjoni fir-ritorn jew il-prezz tal-investiment fuq perjodu ta' żmien stabbilit kontra r-ritorn jew il-prezz mistenni, kif rappreżentat permezz tal-medja.



# Fondi *Aboslute Return* **kif jaħdmu**

Sonja Uys, Portfolio Manager,
Insight Investment

## Kif tiddefinixxi *Absolute Return*?

Fl-aktar livell bażiku, *absolute return* huwa ritorn pożittiv, aktar milli ritorn relattiv li jaqbeż valur referenzjarju *(benchmark)* jew indiċi tas-suq partikolari. Fondi *absolute return* differenti se jsegwu approċċi differenti. Ma' Insight, għandna fondi li jimmiraw li jagħtu ritorn pożittiv fuq perjodi progressivi ta' 12-il xahar, u fondi oħrajn li jimmiraw li jagħtu ritorn assolut fuq perjodi ta' żmien itwal bħal tliet snin.

## X'inhuma l-vantaġġi li wieħed jinvesti f'fond *Absolute Return*?

Il-fondi *absolute return* tipikament jimmiraw li jnaqqsu r-riskju li jintilfu flus fuq perjodu ta' żmien speċifikat. Għalhekk dawn jista' jkollhom il-potenzjal li joffru ritorn aktar gradwali minn pereżempju l-fondi tal-ishma tradizzjonali b'pożizzjonijiet twal biss. Madankollu, xi fondi jistgħu jadottaw approċċi li effettivament iżidu l-volatilità biex jiksbu l-miri aggressivi.

## X'tip ta' analiżi għandu jagħmel investitur li jixtieq ritorn assolut qabel jiddeċiedi li jinvesti?

L-analiżi tal-approċċ tal-fond u tal-attitudni tal-maniġer għall-volatilità u l-korrelazzjonijiet, hija mportanti biex jiġi żgurat li din tissodisfa dak li jirrikjedi l-investitur. Huwa importanti wkoll li wieħed jiftakar li l-istrateġiji ta' *absolute return* spiss ikollhom mandati flessibbli ħafna u livell għoli ta' libertà fejn jistgħu jinvestu. Mistoqsija li wieħed tajjeb jibda biha hija għalhekk dwar il-limiti tar-riskju li japplikaw għall-portafoll.

It-tieni mistoqsija għandha tkun min stabbilixxa dawn il-limiti. Il-limiti li jorbtu l-aktar huma dawk stabbiliti mill-korp regolatorju tal-fond, segwiti mil-limiti ddefiniti fil-prospett tal-fond. It-tielet, il-maniġer tal-fond jista' jimponi limiti "volontarji" addizzjonali, aktar stretti bħala mod kif itejjeb il-qafas tar-riskju intern tal-fond. Dan tal-aħħar ikun flessibbli biex jinbidel sakemm ikun ġie kkomunikat kif xieraq lill-investituri.

Huwa importanti li wieħed jistaqsi kif jiġu mmonitorjati l-limiti, u x'jiġri jekk jinkisru l-limiti tar-riskju. Jista' jkun ta' benefiċċju li wieħed jistaqsi għal eżempju ta' ksur riċenti, flimkien mal-azzjonijiet meħuda biex tissolva l-kwistjoni.

## Il-kundizzjonijiet tas-suq jinbidlu. Kif jista' l-investitur jibbilanċja b'mod korrett l-aspettattivi tas-suq u l-għażla tal-fond it-tajjeb għal dawk iċ-ċirkostanzi?

Il-benefiċċju ta' fond *absolute return* huwa li jimmira għal ritorn pożittiv irrispettivament mill-kundizzjonijiet tas-suq. Dan ifisser li l-investituri għandhom jiffukaw aktar fuq ir-rekwiżiti immedjati tagħhom. Pereżempju, investituri li jista' jkollhom bżonn li jirtiraw il-fondi fi żmien qasir jistgħu jibbenefikaw minn fond li jsegwi approċċ b'riskju baxx u volatilità baxxa. Jekk jiġi mmaniġġjat b'mod effettiv, iż-żmien tal-investiment u tal-irtirar tal-investiment minn dawn il-fondi anqas huwa probabbli li jkollu mpatt fuq l-andament.

Għal investituri li għandhom il-kapaċità jinvestu fuq perjodu itwal ta' żmien, fond *absolute return* li jinkorpora aktar *beta* jista' jkun adattat għalihom. Jagħmel sens li jiġi identifikat fond *absolute return* li jikkomplementa l-fondi l-oħra li għandek fil-portafoll tiegħek.

## Hemm xi riskji speċifiċi li wieħed għandu jikkunsidra meta jinvesti f'fond *absolute return*?

Il-fondi *absolute return* isegwu varjetà tant wiesgħa ta' approċċi li kull fond ikollu r-riskji tal-investiment speċifiċi tiegħu. Madankollu, aktarx li fond *absolute return* ikun jiddependi fuq il-ħiliet tal-immaniġġjar attiv tal-maniġer tal-portafoll tiegħu, jew fuq il-kapaċità tal-proċessi sottostanti tiegħu, biex jgħinuh jikseb l-objettivi tiegħu. L-investituri għandhom għalhekk jikkunsidraw l-implikazzjonijiet ta' pereżempju, it-tluq mhux mistenni ta' maniġer tal-portafolji, u jekk l-approċċ tal-investiment tiegħu huwiex robust u ripetibbli tul iż-żmien.

## Il-Vilhena *Maltese Opportunities* Fund jagħlaq 20 sena

Il-Valletta Fund Management qed tiċċelebra l-20 Anniversarju tal-*Vilhena Maltese Opportunities Fund* li tnieda fis-6 ta' Ġunju 1996 u kien l-ewwel fond domestiku li qatt ġie introdott f'Malta. Sa minn Mejju tal-2014, il-*Vilhena Maltese Opportunities Fund* ġie kklassifikat bħala Fond UCITS, li joffri lill-investituri numru ta' benefiċċji ewlenin. Il-Fond huwa adattat għal investituri li qed ifittxu soluzzjoni ta' investiment professjonali li tipprovdi aċċess għas-suq tal-bonds u l-ishma ta' Malta.







**Share Price (As at 26 August 2016)**

2.67570

**Annualised Return**

1.48% (from launch to 29 August 2016)

**Performance return in absolute terms**

Calendar year to date: 3.62%
Last month: 1.18%
Last 6 months: 9.63%
Last year: 2.99%
Last 3 years: 32.69%
Last 5 years: 73.70%
Since inception: 14.84%

## *Fact Sheets*

Il-Valletta Fund Management introduċiet sistema ġdida għall-*fact sheets*. Mhux biss ġie ammeljorat id-disinn, imma l-klijenti jistgħu jaċċessaw l-andament tal-investimenti tal-fondi fuq bażi ta' kuljum. Wieħed jista' wkoll iqabbel l-andament tal-investimenti tal-fond ma' dik ta' kwalunkwe fond ieħor tal-Vilhena Funds SICAV p.l.c. Id-disinn il-ġdid jipprovdi esperjenza aktar faċli għal dawk li jżuru l-websajt. Dawn il-fact sheets jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' dan il-link li ġej: www.vfm.com.mt/Content/factsheets

## Is-Seminar ta' Kull Tliet Xhur

Kull tliet xhur, il-Valletta Fund Management tikkollabora mad-dipartimenti tal-*Istockbroking* u tal-*Bancassurance* tal-Bank of Valletta p.l.c. biex flimkien jorganizzaw seminar ta' ġurnata dwar l-Investimenti għar-rappreżentanti awtorizzati tal-Bank. Is-seminar sar fil-lukanda The Palace f'Tas-Sliema fejn il-VFM tat aktar tagħrif dwar l-iżviluppi fis-suq lokali u internazzjonali u kif dawn kellhom impatt fuq il-fondi tal-Vilhena Funds SICAV p.l.c.



### Fil-Bullettin tal-Prinċipji FUNDamentali li jmiss:

- VFM Investment Funds

*fid-29.07.2016

L-opinjonijiet espressi f'dan il-bullettin m'għandhomx jiġu interpretati bħala parir dwar l-investiment. Il-passat mhux garanzija tal-futur. Il-valur tal-investiment jista' jinżel kif ukoll jitla' u l-ispejjeż inizjali jistgħu jnaqqsu l-ammont investit u l-ammont li tirċievi meta tifdi l-investiment. L-investiment għandu jkun ibbażat fuq id-dettalji kollha fil-Prospett, fl-*Offering Supplement* u fid-Dokument tat-Tagħrif Ewlieni għall-Investitur (KIID) li jistgħu jinkisbu mill-Valletta Fund Management Limited ("VFM"), mill-Fergħat/Ċentri tal-Investiment tal-Bank of Valletta p.l.c. u Intermedjarji Finanzjarji Liċenzjati oħra. Il-VFM hija liċenzjata biex tipprovdi Servizzi ta' Investiment f'Malta mill-MFSA. Il-Vilhena Funds SICAV p.l.c. hija liċenzjata mill-MFSA u tikkwalifika bħala UCITS. Dan il-bullettin qed jinħareġ mill-VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Triq il-Birrerija, Mrieħel BKR 3000, Malta. Tel:21227311, Faks: 22755661, Posta elettronika: infovfm@bov.com, Websajt: www.vfm.com.mt. Sors: VFM.